MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 62/2006

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Charles Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-intimat Charles Bugeja datat l-24 ta' Jannar tas-sena 2006 fejn wara l-ittra ufficcjali tal-mittent Kummissarju tat-Taxxi interni datata t-2 ta' Novembru tas-sena 2005, talab li l-pretensjoni hemm vantata tigi dikjarata infondata u li l-intimat jigi dikjarat mhux debitur ta' l-intimat;

Rat l-ittra ufficcjali fuq indikata;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Charles Bugeja;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors odjern jista’ jigi sintetikament kompilat bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ ittra ufficcjali datata t-2 ta’ Novembru tas-sena 2005, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni interpella lil Charles Bugeja biex ihallas sitt mija u tmienja u hamsin Lira maltin, (LM658.00,0), f’taxxi ghas-snin indikati;

2. Illi meta l-istess kummissarju kien precedentement baghat l-istimi tieghu lil Bugeja, dan ta’ l-ahhar qatt m’oggezzjona;

3. Illi l-ammonti mitluba jidhru regolarment dovuti;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-kummissarju de quo ipprova t-talba tieghu skond il-ligi u konsegwentement tirrespingi l-oggezzjonijiet sollevati min Charles Bugeja u konsegwentement tikkundanna lill-imsemmi Charles Bugeja biex ihallas l-ammont ta’ sitt mija u tmienja u hamsin Lira Maltin, (LM658.00,0), lill-Kummissarju tat-Taxxi nterni, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.

Marisa Borg
Deputat Registratur

---------------------------------TMIEM---------------------------------